MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 421/2005

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**B`digriet tal-Qorti tad-19 ta` Mejju, 2005, gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u PL Mario M. Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera assenti ABB Power Technologies S.p.a.**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni fejn fiha s-socjeta` attrici ppremettiet:

Is-socjeta` attrici giet inkarigata mis-socjeta` estera konvenuta sabiex tirrendi servizzi ta` rappresentanza, konsulenza u assistenza, ghall-beneficcju tal-istess socjeta` estera konvenuta, in konnessjoni ma` diversi

*tenders* illi s-socjeta` konvenuta wriet interess illi tippartecipa fihom gewwa Malta.

Bi ftehim bejn il-partijiet kontendenti, is-socjeta` estera konvenuta obbligat ruhha illi thallas lis-socjeta` attrici kummissjoni ta` sebgha fil-mija (7%) tal-valur nett ta` kull kuntratt illi l-istess socjeta` estera konvenuta tigi moghtija gewwa Malta bir-rappresentanza, konsulenza u assistenza tas-socjeta` attrici.

B`rizultat tas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici kif hawn fuq spjegat, is-socjeta` estera konvenuta ottjeniet diversi kuntratti gewwa Malta, izda nonostante mitluba sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-kummissjoni relattiva dovuta minnha lis-socjeta` attrici, is-socjeta` estera konvenuta waqqfet thallas il-kummissjoni dovuta lis-socjeta` attrici minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara illi s-socjeta` estera konvenuta hija tenuta li thallas lis-socjeta` attrici kummissjoni ta` sebgha fil-mija (7%) tal-valur nett ta` kull kuntratt illi l-istess socjeta` estera konvenuta giet moghtija gewwa Malta bir-rapprezentanza, konsulenza u assistenza tas-socjeta` attrici.

2. tillikwida okkorrendo bl-opera ta` periti u esperti nominandi, dik is-somma ta` kummissjonijiet illi s-socjeta` estera konvenuta hi dovuta li thallas lis-socjeta` attrici kif hawn fuq spjegat.

3. tikkundanna lis-socjeta` estera konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-att, kontra s-socjeta` estera konvenuta illi minn issa r-rapprezentanti legali u gudizzjarji taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

B`riserva ghad-dritt tas-socjeta` attrici illi titlob il-hlas minghand is-socjeta` estera konvenuta ghal kwalsiasi kummissjoni jew somma ohra illi talvolta tirrizulta dovuta lilha wara l-prezentata ta` dan l-att.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta` Mejju, 2005 li permezz tieghu gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi fejn ecceppew li huma m`humiex dedotti mill-fatti tal-kaz u qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta` attrici ntavolat din il-kawza biex tithallas *commission* fuq kuntratti li s-socjeta` konvenuta giet moghtija bl-ghajnuna tas-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici ppruvat ampjament is-segwenti fatti:

1. bejnha u bejn is-socjeta` konvenuta kien jezisti ftehim dwar *commissions* ghall-ammont ta` sebgha fil-mija (7%) tal-valur tal-kuntratti moghtija lis-socjeta` konvenuta. Dan jirrizulta kemm mid-diversi affidavits u xhieda prodotti kif ukoll mid-dokumenti esibiti.

2. is-socjeta` attrici ppruvat ukoll minghajr dubbju li s-socjeta` konvenuta otteniet id-diversi kuntratti li dwarhom

qed tippretendi *commissions*. Dan jidher car ukoll mix-xhieda prodotta, inkluza dik ta` diversi dirigenti tal-Enemalta. Fil-fatt, ghal perjodu konsiderevoli ta` zmien il-pagament tal-*commissions* kien isir b`mod regolari.

3. skond ma` xehedu diversi rapprezentanti tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ghadha debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` Euro

158,152.79 (mija u tmienja u hamsin elf, mija u tnejn u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmu).

Fil-fehma tal-Qorti, il-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici gew ampjament pruvati permezz ta` xhieda u dokumentazzjoni ampja, liema xhieda u dokumentazzjoni ma gew bl-ebda mod kontradetti.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. tiddikjara illi s-socjeta` estera konvenuta hija tenuta li thallas lis-socjeta` attrici kummissjoni ta` sebgha fil-mija (7%) tal-valur nett ta` kull kuntratt li giet moghtija gewwa Malta bl-assistenza tas-socjeta` attrici.

2. tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Euro 158,152.79 (mija u tmienja u hamsin elf, mija u tnejn u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmu), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju u bl-imghax dekoribbli mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------